# COVID-19: Regoli ġodda għall-kuntatti mid-dar u kuntatti mill-qrib f'NSW

Jekk inti kuntatt mid-dar jew kuntatt mill-qrib u m'għandekx sintomi tal-COVID-19, m'għandekx għalfejn tiżola lilek innifsek iżda trid issegwi l-linji gwida ta' NSW Health:

- Iżżurx postijiet ta' riskju għoli bħal sptarijiet u faċilitajiet għall-kura tal-anzjani
- Aħdem jew studja mid-dar meta jkun possibbli. Għandek bżonn l-approvazzjoni minn min iħaddmek jew mill-faċilità tal-edukazzjoni jekk ikollok bżonn tmur ix-xogħol jew l-iskola
- Ilbes maskra ġewwa jekk għandek aktar minn 12-il sena. M'għandekx bżonn tilbes maskra ġewwa d-dar tiegħek
- Evita laqgħat kbar jew iffullati fuq ġewwa ma' nies li ma tgħix magħhom. Jekk għandek bżonn tattendi, agħmel test rapidu tal-antiġen qabel ma tmur

Segwi r-regoli għal 7 ijiem mill-aħħar darba li persuna fid-dar tiegħek irriżulta pożittiv għal COVID-19.

Jekk għandek jew tiżviluppa sintomi, trid tiżola lilek innifsek u tagħmel it-test għall-COVID-19. Segwi l-parir ta' NSW Health jekk ir-riżultat tat-test tiegħek ikun pożittiv.

Jekk ir-riżultat tat-test tiegħek ikun negattiv, oqgħod id-dar sakemm ma jkollok l-ebda sintomi.

**Żur www.nsw.gov.au/covid-19/management/household-contacts għal aktar informazzjoni.**



© NSW Health April 2022.